MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Numru 775/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Mercieca)**

**vs**

**Emanuel Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Emanuel Sciebrras ta' 32 sena, bin Joseph u Mary Rose nee' Zammit imwieled Mtarfa fis-26 ta' Jannar, 1970 u residenti 19, Triq it-Tempesta, Qrendi detentur ta' karta ta' identita numru 61870(m) akkuzat talli:

Fl-1 ta' Awissu, 2002, ghall-habta tat3.15a.m., fi Triq il-Qawra, Qawra hebb ghal Duncan Micallef u kkagunalu

griehi ta' natura gravi skond kif iccertifika Mr. Adrian Agius M.D. mis-St. Philip's Hospital (Art. 216(1)(d) tal-Kap 9);

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali.

Semghet l-imputati jiddikjaraw illi ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza tinstemgha sommarjament.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Illi l-kawza tistrieh fuq il-prova tal-kwerelant li ghalkemm notifikat ma deherx. Dan ifisser li m'hemmx provi.

Ghaldaqstant, u fin-nuqqas ta' prova, tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------